# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 387/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Maria Concetta Vella**

Seduta tal-20 ta' Settembru, 2019.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Maria Concetta Vella, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 25464G quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Gunju 2011 u z-zmien ta' qabel din id-data:

Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba tittratta mal-imputata bhala wahda li saret recediva b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta/Ghawdex);

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, tad-9 ta’ Ottubru, 2018 li biha sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha, ikkundannata ghal piena ta’ **erba’ (4) snin prigunerija effettiva** u **multa ta’ elfejn u**

**hames mitt Euro (€2,500)** b'dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, il-multa tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta, liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' elf mitejn u sitta u sittin ewro u hmistax-il centezmu (**€1266.15**) u ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din ilkawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2018, li bih talbet lil din il-Qorti jogghobha tannulla s-sentenza jew, alternattivament, tirrevoka s-sentenza u tilliberaha minn kull htija u piena, jew, alternattivament tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. L-appellanta tillanja s-sentenza appellata b'erba gravami, bl-ewwel wiehed ikun kritika ghall-mod kif l-ewwel Qorti ghaddiet ghal-prolazzjoni tas-sentenza minghajr ma semghet is-sottomissjonijiet taghha. Fit-tieni aggravju tallega apprezzament zbaljat u inkomplet tal-provi filwaqt illi t-tielet u r-raba aggravji jirrigwardaw il-piena erogata u l-kundanna ghall-ispejjez rispettivament;

2. Fl-ewwel aggravju taghha, l-appellanta tallega nuqqas ta' smigh xieraq u dwar dan opportunement qed tkun riprodotta dik il-parti tar-rikors tal-appell:

> *Illi l-ewwel aggravju fil-fatt li l-esponenti ma nghatatx smigh xieraq in kwantu giet prekluza ingustament milli tirrispondi ghas-sottomisssjonijiet tal-prosekuzzjoni.*
>
> *Illi l-proceduri ta' din il-kawza bdew f'Settembru tal-2013, u cioe 'l fuq minn sentejn wara li l-pulizija bdew l-investigazzjonijiet taghhom. Fi Frar ta' l-2017 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza ghall-10 ta' Mejju, 2017. Fit-23 ta' Marzu, 2018, u cioe f'inqas minn sena minn meta l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza, il-kawza thalliet ghan-noti tal-partijiet. Fis-16 ta Mejju, 2018 l-avukati tal-esponenti rrinunzjaw ghall-patroncinju taghha.*
>
> *Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni kienet originarjament inghatat sat-23 ta' April, 2018 biex tipprezenta n-nota taghha, dan m'ghamlitux.*

*Nonostante li ma saret ebda talba, il-Qorti tal-Magistrati kkoncediet estensjoni sas-26 ta' Gunju, 2018 ghall-prezentata ta' din in-nota. Dan it-tieni terminu gie effettivament osservat. IL-Qorti ffissat ukoll is-26 ta' Settembru, 2018 bhala d-data li fiha l-esponenti kellha tirrispondi ghas-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u d-9 ta; Ottubru, 2018 ghas-sentenza.*

*Illi f'dan il-perjodu l-esponenti ppruvat tqabbad avukat iehor minghajr ezitu favorevoli. Meta dehret il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2018 sabiex tispjega dan, il-Qorti qabdet u ghaddiet ghas-sentenza.*

*Illi tul il-proceduri l-esponenti kienet dejjem assistita minn avukat u kien biss fl-ahhar tal-kawza li tfaccat din il-problema li, del resto, kieent ser tigi rizolta f'qasir zmien. Meta wiehed jikkonsidra li l-prosekuzzjoni damet sitt snin biex ikkonkludiet l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kaz taghha, huwa bl-akbar rispett ingust li l-esponenti ma nghatatx imqar differiment wiehed sabiex tqabbad avukat ghas-sottomissjonijiet finali. Ma kien hemm assolutament ebda dewmien assur li setgha jiggustifika l-mizura estrema li hadet il-Qorti tal-Magistrati, u cioe' l-mizura li tipprekludiha milli taghmel dak li huwa fid-dritt taghha illi taghmel.*

*Illi l-esponenti ghalhekk tissottometti li hawnhekk inkisret formalita' li ghandha neccessarjament twassal ghall-annullament tas-entenza tal-Qorti tal-Magistrati.*

3. L-Avukat Generali jilqa' ghal dan l-aggravju billi jressaq zewg argumenti. Fl-ewwel lok jirrileva illi din il-kwistjoni mhix ta' kompetenza ta' din il-Qorti u li l-appellanta kellha kull opportunita' tirrikorri ghall-Qrati Civili. It-tieni ragunament tal-Avukat Generali

hu li l-appellanta kienet inghatat bizzejjed zmien sabiex tinkariga avukat biex jirredigi s-sottomissjonijiet qabel mal-Qorti ghaddiet ghas-sentenza;

4. Kwantu l-opposizzjoni mressqa mill-Avukat Generali biex din il-Qorti tissindika kwistjoni ta' din in-natura, jinghad biss illi ma tkunx l-ewwel darba li din il-Qorti tat rimedju ghall-mertu konsimili. Per ezemplari ssir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Reuben Bonnici 502/2010 DS** tat-23.2.2011 u r-rassenja ta' sentenzi hemm citati rigward nullita' tas-sentenza fejn imputat ma kellux assistenza legali waqt is-smigh tal-kawza meta kien implicitu li kien qed jitlob ghall-assistenza. L-Avukat Generali ghalhekk mghandux ragun fl-opposizzjoni tieghu u din il-Qorti ser tezamina dan l-ilment mill-ottika t'allegata nuqqas ta' formalita' essenzjali fil-proceduri kontra taghha;

5. Opportunement qed issir referenza ghas-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-appelanta quddiem din il-Qorti qabel ma tghaddi biex taghmel rassenja gronologika tal-fatti. Dr. Stephen Tonna Lowell spjega kif originarjament kien qed jippatrocina lill-imputata izda d-difiza taghha ssoktat minn avukati ohrajn li kienu eventwalment irrinunzjaw mill-inkarigu taghhom. L-appell odjern kien redatt u ffitmat minn Dr. Anton Refalo u fil-mori Dr. Stephen Tonna Lowell assocja ruhu fil-patrocinju tal-imputata. Wara erba snin il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha u f'anqas minn sena d-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi meta allura fit-23 ta' Marzu, 2018, il-kawza thalliet ghan-noti tal-partijiet. Il-Prosekuzzjoni ma rregistrat ebda nota fiz-zmien koncess u l-ewwel Qorti estendiet it-terminu li fih il-prosekuzzjoni kellha tintavola nota li fil-fatt ghamlet sussegentement u fit-terminu lilha moghti;

6. Fil-mori, l-avukati li kienu qed jassistu lill-imputata f'dak iz-zmien, irrinunzjaw mill-inkarigu u l-imputata sabet ruhha f'diffikulta biex tqabbad avukat. L-appellanta deheret il-Qorti u talbet verbalment ghall-differiment izda l-qorti ghaddiet ghaddiet biex tipprolata s-sentenza;

7. Tajjeb li issa l-Qorti tghaddi biex telenka dawk il-punti relevanti mill-atti processwali. Dawn il-proceduri kellhom l-inizzju taghhom b'citazzjoni mahruga fl-10 ta' Marzu, 2013 dwar allegat delitt kommess fis-sena 2011 u bl-ewwel udjenza ssehh fl-24 ta' Settembru, 2013. Fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2017, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-kawza kienet differita ghall-provi tad-difiza ghall-10 ta' Mejju, 2017. Minekjja dan, fl-udjenza li kien imiss, l-imputata ma deheritx minhabba indisposizzjoni u l-Qorti ordnat li fis-seduta li jmiss ghandha titkompla x-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018, wara li xehed l-Ispettur Johan J. Fenech in kontro-ezami, "Il-kawza tibqa' differita ghal nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu 2018 fl-10.00am";

8. Il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu, 2018 qed ikun riprodott ghall-ahjar intendiment:

> **Meta ssejhet il-kawza dehret l-imputata assistita minn Dr. Angie Muscat.**
>
> **L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johan J. Fenech ma deherx.**
>
> **Deher l-Ispettur Bernard Charles Spiteri ghall-Prosekuzzjoni**
>
> **Il-Qorti qed taghti zmien sat-23 ta' April ghal-Prosekuzzjoni u sas-16 ta' M ejju 2018 ghad-difiza.**
>
> **Il-Prosekuzzjoni trid tikkomunika n-nota lid-Difiza.**
>
> **U anke d-Difiza ghandha tikkomunika n-nota lill-Prosekuzzjoni.**

Din il-Kawza qed tigi differita ghal nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju2018 fid-9:00am

L-imputata qed tigi notifikata seduta stante bid-differiment li jmiss.

9. Ugwalment ta' importanza huwa l-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Mejju, 2018 u ghalhekk qed ikun ukoll riprodott:

Meta ssejhet il-kawza deheret l-imputata.

Deheret Dr. Angie Muscat li qed tirrinunzja ghall-patrocinju tal-imputata.

L-imputata nfurmat lill-Qorti li kisbet ir-release minghand Dr. Franco Debono

L-ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Johan J. Fenech imsejjah diversi drabi ma deherx.

Deher l-Ispettur Bernard Charles Spiteri ghall-Prosekuzzjoni.

In vista ta' dan l-izvilupp il-Qorti se taghti zmien lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprezenta n-Nota taghha sas-26 ta' Gunju 2018, liema Nota ghandha tigi komunikata lid-difiza wkoll. Id-difiza jkollha sas-26 ta' Settembru 2018 biex tipprezenta n-Nota taghha.

Il-Kawza tibqa' differita ghas-sentenza ghal nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2018 fl-10:00am

L-imputata qed tigi notifikata seduta stante bid-differiment li jmiss.

In-nota tal-prosekuzzjoni kienet intavolata fis-26 ta' Gunju 2018 u ma hemm xejn x'jindika li din kienet komunikata lid-difiza kif ordnat mill-Qorti.

Fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2018 l-imputata deheret assistia minn Dr. Anton Refalo u l-Qorti innotat li kienet nghatat l-opportunita li tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet pero qatt ma prezentata din in-Nota u l-kawza kienet deciza.

10. Mir-riproduzzjonijiet u fatti appena rikaptati mill-atti processwali jirrizulta, fl-ewwel lok dak allegat mill-appellanta b'mod partikolari illi t-terminu orginali moghti lill-Prosekuzzjoni sabiex tintavola nota ta' sottomissjonijiet kien prorogat minghajr biss ma kien hemm talba appozita. Dan sehh meta l-avukat difensur tal-imputata irrinunzjat ghall-patrocinju tal-klijenta' taghha u meta allura l-imputata kienet sprovvista minn assistenza legali. L-imputata ghalhekk sabet ruhha f'cirkostanza fejn fil-mori kellha ssib avukat difensur gdid li kellu jew kellha l-kaz kollu maghluq *qua* gbir ta' provi u jhejji nota ta' sottomissjonijiet jew b'risposta ghal dik maghmulha mill-prosekuzzjoni jew b'osservazzjonijiet dwar ghaliex ma kellhiex tinsab hatja. Il-kelma tad-difiza hija dejjem l-ahhar wahda u f'kazijiet konsimili, d-difiza tista ssib ruhha f'sitwazzjoni fejn tikxef il-linja difensjonali taghha jekk intempestivament tirregistra nota ta' sottomissjonijiet meta jkun iddekada t-terminu moghti lill-prosekuzzjoni. Hija ghalhekk il-prassi li d-difiza tintavola rikors sabiex taccerta ruhha li d-dritt moghti lill-prosekuzzjoni ikun ghadda in dekadenza proprju sabiex il-prosekuzzjoni ma jkollhiex imbaghad ix-xelta li twiegeb ghal linja difensjonali;

11. Fil-kaz odjern, izda, huwa evidenti li d-difiza ma kellhiex l-opportunita' li tivventila il-hsibijiet taghha dwar il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u l-effett li dawn setghu kellhom fuq il-kaz. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi hekk kif il-Prosekuzzjoni inghatat l-opportunita' li taghmel nota ta' sottomissjonijiet minkejja li ddekadiet mit-terminu lilha koncess originarjament u dan minghajr ma ghamlet talba ghalhekk, l-istess opportunita' kellha tinghata lill-imputata meta hi ddekadiet minn dak it-terminu aktar u aktar fic-cirkostanza

partikolari li sabet ruhha l-imputata meta priva minn assistenza legali konsegwenza tar-rinunzja tal-patrocinju mid-difensur taghha;

12. Il-Qorti tifhem il-pressjoni li ghandha il-Qorti tal-Magistrati bil-volum ta' xoghol u n-natura tieghu u li din taghmel dak kollu possibbli sabiex il-kawzi ma jtulux inutilment. Il-preokupazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma mgharufa sew lil din il-Qorti. Izda, fil-kaz in disamina jirrizulta illi l-mizura adoperata mill-ewwel Qorti kienet intempestiva u mehuda fi zmien fejn l-imputata ma kienitx assistita. Kien ikun aktar desiderabbli li l-ewwel Qorti tassikura qabel xejn li l-imputat tkun assistita jew b'avukat ta' fiducja taghha u fin-nuqqas bin-nomina ta' avukat tal-ghajnuna legali imbaghad timponi t-terminu fuqha. Wara kollox l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li "**Hu d-dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputatai jew akkuzati**". Dan in-nuqqas kellu konsegwenzi fuq l-imputata li sfat mcahhda mid-dritt ta' smigh xieraq ghaliex ma setghetx taghmel sottomissjonijet fuq il-kaz taghha;

13. Fil-kaz odjern l-atti kienu nieqsa mill-osservazzjonijiet tad-difiza dwar il-provi u hu proprju ghalhekk li kellha tinghata l-opportunita' bhalma inghatat il-prosekuzzjoni biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha. F'kaz, imbaghad fejn tkun d-difiza li ma taghmilx uzu minn dik l-opportunita', il-Qorti taghmel sew li teradika kull forma ta' abbuz u tghaddi ghas-sentenza. Dan izda, ma jidhrix li sehh fil-kaz in disamina liema aspett, igifieri li tisma' lid-difiza fuq il-linji difensjonali taghha, jassumu hafna aktar importanza tenut il-piena ta' erba snin prigunerija wara sejbien ta' htija dwar allegat delitt ta' natura serjissima;

14. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tannulla s-sentenza mertu ta' dan l-appell u konsegwentement qed tilqa' l-ewwel aggravju u tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata filwaqt illi tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-aggravji l-ohra;

15. Illi fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, meta l-Qorti ssib li tkun inkisret xi formalita' essenzjali ghandha tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi stess. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, izda, l-atti processwali ser ikunu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tiddetermina il-kaz hi mill-gdid u dan ghaliex il-karenza fil-formalita' f'dan il-kaz tirrizulta f'proceduri inkompleti u ma jkunx hemm dik ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja jekk tkun din il-Qorti li tisma' ghall-ewwel darba x'kellha tghid id-difiza fuq il-kaz u tiddeciedi dwaru minghajr id-dritt ta' appell f'kaz ta' ezitu negattiv ghaliha.

16. Tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Giovanni Grixti

Imhallef